MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1945/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Ronnie Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm54.22) rappresentanti kwantu ghal Lm47.15, Royalty dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Frar 2003 sal-5 ta' Frar 2004 in konnessjoni mal-licenzja numru 8653 (Dokument

A anness ma'l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti id-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Scerri's Coffee Bar", Qawra u Lm7.07 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-15 ta' Mejju 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta'l-iskadenza relattiva sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huw ingun tsabie xjidher in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin cenetzmu (Lm54.22), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Frar 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------